MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2011

Numru. 344/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR LOUISE CALLEJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**
**VS**
**OMISSIS IMPUTAT**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat ta’ omissis sena, iben omissis, imwieled omissis, fil-omissis, residenti gewwa omissis u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru omissis;

Billi huwa akkuzat talli gewwa rahal 1 u/jew fi bnadi ohra f’dawn il-Gzejjer, f’Marzu 2008 u fix-xhur ta’ qabel,

b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda,

1. B'eghmil zieni, ikkorrompa lill-persuna taht l-eta' u cioe' lill-minuri ta' omissis sena;

2. Ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' ma' l-imsemmija minuri;
3. Eccita, ghin jew iffacilita l-korruzzjoni ta' l-istess minuri u cioe ta' l-imsemmija minuri;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol 31) u dak ta' l-imputat (a fol 4)
sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat ghal rigward tat-tieni (2) akkuza registrata fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2008 ;

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli lill-imputat ghal repensament;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat ir-rinunzja tal-kwerelanti minuri, wara li din lahqet l-eta' maggorenni u wara li l-Qorti spjegat il-konsegwenzi ; revokabbli tal-istess;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Missier il-minuri a fol 8 ikkonferma r-rapport li huwa ghamel mal-pulizija fir-rigward ta' bintu minorenni minhabba li l-imputat kien beda jiffrekwentha u jibghatilha e-mails f'nofs ta' lejl. Omm il-minuri a fol 12 xhedet illi hija kienet saret taf bir-relazzjoni ta' bintha minuri tal-imputat minn e-mails li kienet sabet fuq il-kompjuter ta' bintha u ndunat li bintha kienet qed tiskarta l-iskola. Illi hija kienet

kellmet lil bintha u b’ghajnuna tal-Appogg saret taf li bintha kellha relazzjoni sesswali mal-imputat.

**A fol 14 l-minuri xhedet illi ma xtaqitx li l-imputat jispicca il-habs.** Il-minuri xhedet illi l-imputat kien mizzewweg b’zewg t’itfal.

Il-minuri a fol 16 et seq; ta’ omissis sena xhedet illi kienet saret taf lill-imputat ’il ghaliex kien kollega fuq ix-xoghol taghha – xoghol part-time li beda f’Marzu u spicca f’Settembru 2007.

Hija iddikjarat li l-imputat kien informha illi kien mizewweg b’zewgt itfal. Hija xhedet illi xi zmien wara illi ghalqet omissis sena hi u l-imputat kellhom relazzjoni sesswali. Hija xhedet li kellha kongiment karnali mal-imputat, ippartecipat f’sess orali u anali u dana b’regolarità ’l ghaliex kienet tmur fil- flat tal-imputat il-Qawra. Hija xhedet illi kienet tiskarta l-iskola u tmur ghandu.

Il-minuri xhedet illi hija kellha relazzjoni sesswali ma guvni iehor ta’ omissis sena **qabel** ma kellha relazzjoni mal-imputat.

L-minuri a fol 20 xhedet illi minn meta l-imputat gie investigat mill-pulizija, hija ma kellhiex kuntatt tal-imputat.

Fl-istess fol 20 jew l-minuri ammettiet li l-kuntatt bit-telephone kien ghad hemm bejna u l-imputat. L-minuri xhedet illi kienet taf illi l-ligi tezigi li adult ma jkollux relazzjoni sesswali ma’ tfal taht omissis sena, izda hija kienet tal-fehma li fil-kas taghha gialadarba kollox kien konsenswali, u ma kien hemm ebda rikatt jew vjolenza, hi ma dehrilhiex li kien hemm xi haga oggezzjonabbli.

**In kontro ezami l-minuri xhedet illi hi u l-imputat kienu jafu l-età ta’ xulxin.**

Hija xhedet illi kienet qalet lill-imputat li kellha omissis sena (a fol 22) u hu “fil-bidu” qalilha li kellu 25 imbaghad meta saru “midhla ta’ xulxin” qalilha li kellu 36 (a fol 23). Hija affermat li taf li l-imputat kien jixrob imma mhux

ezagerat. Il-minuri xhedet li l-imputat gieli hadilha ritratti, il-bicca ’l kbira mlibbsa izda gieli hadilha ritratti tahha mnezza – u “kienu jithassru”. Ttiehed ritratt taghha bla hwejjeg izda mghottija b’kutra. Dawn kienu ttiehdu bil-camera tal-computer, fejn il-minuri kienet tikxef partijiet ta’ gisimha. Il-minuri xhedet illi gieli baghtet ittri lill-imputat – u gharfet Dok MRM.

Spettur Robert Vella a fol 28 ezebixxa ittra Dok MRM misjuba waqt tfixxija tal-pulizija fir-residenza tal-imputat.

Spettur Louise Calleja a fol 30 ezebiet il-kunsens tal-Avukat Generali Dok LC.

Missier il-minuri a fol 35 xehed illi f’Ottubru 2008 kienu ghandhom kemm saru jafu li binthom kellha sitt xhur u nofs tqala. Missier il-minuri xehed illi minkejja illi hu u martu kienu qieghdin jissorveljaw lil binthom mill-qrib, xorta wahda l-imputat kien ghadu qed jikkomunika mal-minuri u dana setgha jghidu ghaliex gieli qabadha fil-fatt. Huwa xehed illi bintu kienet mitlufha wara l-imputat “ibbrainwashjaha” ara xhieda (a fol 37). Huwa xehed illi kif jipprova jkellem lil bintu din tibda tiggieled mieghu. Missier il-minuri stqarr illi anki martu kienet kkonfermat li l-imputat kien ghadu jikkomunika ma’ bintu.

Omm il-minuri a fol 41 xhedet illi hija skopriet li bintha kienet tqila ’l ghaliex rat ic-“chats” ta’ bintha u l-imputat fuq il-computer ta’ bintha.  Illi minn hemmhekk ikkonfrontat lil bintha u din ammettiet il-verità. Omm il-minuri xhedet illi bdiet tinduna illi l-komunikazzjoni bejn bintha u l-imputat kienet ghadha qed issir ’il ghaliex anki wara li waqfet tahdem il-minuri, din xorta wahda kienet tqatta’ zmien twil fuq il-mobile phone taghha minkejja li l-ginituri taghha ma kienux qed jaghtuha flus ghall-mobilephone cards. Omm il-minuri xhedet fuq ixxenati kbar li kienet qed taghmel din it-tifla u kif gennet il-familja kollha.

Is-Supretendent Paul Caruana a fol 48 et seq. ikkonferma li kien ghamel ezami fuq computer li gie moghti lilu mill-prosekuzzjoni – laptop ta’ ghamla twin mudell A5010 u computer iehor mghoddi lilhom l-ghada 7 ta’ April 2008

sabiex isir analizi fuq komunikazzjonijiet bejn l-e-mail account ta’ l-imputat u l-e-mail account tal-minuri u jekk kienx hemm xi ritratti marbuta ma’ dawn iz-zewg individwi.

Is-Supretendent Paul Caruana esebixxa Dok PC.

Kif jidher f’Appendix C5 u C6, hemm diversi ritratti tal-imputat u tal-minuri fosthom ritratti fejn hi tidher minghajr hwejjeg, imgezwra go kutra bil-laptop vicin taghha. F’Appendix G ta’ Dok PC, hemm migbur il-komunikazzjonijiet permezz tac-‘chats’ fuq il-computer u l-indirizzi fuq indikati tal-hotmail, uhud minnhom pjuttost spinti. Gew esebiti ukoll PC1 sa PC5 zewg hard-drives, sony camera u web-cam.

Spettur Louise Calleja ikkonfermat ir-rapport tal-Ispettur Robert Vella, kif saret taf minn missier il-minuri ta’ omissis sena, u l-abbuz sesswali li kien qed is-sehh fuqha mill-imputat.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat iddikjara li kien iltaqa’ mal-minuri fis-Sajf 2007 fi stabbiliment fejn kien jahdem bhala Chef u hi part-time waitress. Huwa qal li bdew johorgu ghal drink wara xoghol imbaghad dahlet certa intimita. Huwa stqarr li l-minuri kienet qaltu li kellha omissis sena imma aktar tard sar jaf li kellha biss omissis sena u meta sar jaf dan xorta ssokta bir-relazzjonijiet sesswali maghha u qal li kien ihobbha. Huwa konferma li kien jikkomunika mal-minuri fuq l-internet permezz tal-e-mail address tieghu, kellu HI5 profile ukoll. Rinfaccat b’chats vulgarissimi msemmija fl- istqarija, l-imputat irrifjuta illi jwiegeb ghal din id-domanda. Ikkonferma li kien jghaddi ghal minuri wara l-iskola n-Naxxar u kien jehodha fl-appartament tieghu f’rahal 1. Huwa kkonferma li kellu l-vizzju tal-alkohol imma qatt ma offra alkohol lill-minuri. Stqarr li kien xtara mobile lill-minuri bhala r-rigal tal-birthday taghha.

Spettur Louise Calleja esebiet l-istqarrija tal-imputat DOK LCX. Ikkonfermat illi l-minuri kienet saret tqila mill-imputat.

Missier il-minuri xehed illi l-imputat kien pprova javvicina u jkellem lill- kugina tal-minuri u sostna illi l-imputat kien baghat messagg lil bintu fil-15 ta' Settembru 2009 meta kellhom seduta l-Qorti. Huwa kkonferma illi bintu kienet weldet tarbija (tifel) u li huma bhala genituri registraw lit-tarbija bhala *father unknown*. **L-istess missier il-minuri xhed fis-16 ta' Novembru 2009 illi ma xtaqx li l-imputat jigi kkundannat ghal piena karcerarja, izda ghazel illi ma jirrinunzjax ghall-azzjoni kriminali.**

**Il-minuri fit-22 ta'Marzu 2010 irrinunzjat ghall-azzjoni kriminali hekk kif ghalqet it-18-il sena izda l-genituri taghha rrifjutaw li jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali**.

L-imputat ghazel li ma jixhidx u ma ressaq ebda prova.

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa mixli bir-reat ta' korruzzjoni ta'minorenni ai termini ta'Artikoli 203 (1) Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Dan l-Artikolu jipprovdi:

**(1) Kull min, b'egħmil żieni, jikkorrompi persuna ta' taħt l-età, tas-sess il-wieħed jew l-ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn tliet snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha:**

**Iżda, il-piena għal dan id-delitt tkun ta' priġunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha, f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:**

**(*a*) jekk id-delitt isir bi ħsara ta' persuna li ma għalqitx l-età ta' tnax-il sena, inkella bi vjolenza;**

**(*b*) jekk id-delitt isir b'theddid jew b'qerq;**

**(*ċ*) jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi żwieġ, jew mill-missier jew l-omm adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn ħaddieħor li lilu, imqar jekk**

**għal xi żmien, ikun ġie fdat il-minuri sabiex jieħu ħsiebu, jedukah, jgħallmu, jindukrah jew iżommu.**

**(2) Id-disposizzjoni tal-artikolu 197(4) tgħodd ukoll għad-delitt imsemmi f'dan l-artikolu, meta d-delitt isir minn axxendent jew tutur.**

Il-Gurisprudenza Maltija hija abbundanti fi pronunzjamenti dwar dak li jista' jigi kkaratterizzat bhala jew dak illi jikkonsisti f'*atti di bidin*i jew *lewd acts,* izda forsi s-sentenza illi l-aktar illi taghti deskrizzjoni milquta hija dik ta' Pulizija versus Wiffen.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza **Pulizija versus Wiffen,** deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano ikkonfermat:

***Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.***

***'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts.'***

Imbaghad fis-sentenza **Pulizija versus Andrew Bonnici**, deciza fit-23 ta' Jannar 1998, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet is-segwenti:

***'Tifel ta' appena tlettax-il sena li jigi espost ghall-eghmil li jaghmel l-appellant, kemm fuqu nnifsu, kif ukoll fuq il-persuna tal-istess tifel, ma jistax ma jigix korrott anke jekk forsi dak it-tifel ikun diga' jaf certi fatti tal-hajja, jew ikollu xi esperjenza sesswali. Altru esperjenza sesswali fil-kors normali tal-izvilupp fizjologiku ta' dak li jkun, u altru impozizzjoni ta' sitwazzjonijiet determinati minn eghmil zieni, li manifestament jipproducu lezjoni f'integrita' morali tal-minorenni.'***

Illi fil-kaz in ezami, jirrizulta pprovat illi l-atti li wettaq l-imputat, u cioe', kongungiment karnali komplet, ripetut u sostnut fuq medda ta xhur certament u ampjament jaqa' taht dak illi l-ligi tikkategorizza bhala '*lewd acts'* jew '*atti di libidini*'.

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **Pulizija versus Carmelo Spiteri** deciza fl-20 ta' Marzu 1989 mill-Qorti tal-Appell Kriminali;

***'Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn l-allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 203, minhabba hajja dedikata ghall-laxxivja u ghall-pjaciri sesswali, ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficli wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott, u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn din il-Qorti, izda huwa cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Appell Kriminali, in re, Il-Pulizija versus George Portelli, deciza fit-2 ta' Frar 1975, (fejn dik il-Qorti kienet abbraccjat it-tejorija moderata tal-Maino), mhux qed jinghad li persuna gia parzjalment***

***korrotta, ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc.'***

Illi fil- kaz in ezami minkejja illi l-minuri xehdet illi hija diga kellha kongungiment karnali ma guvni tamparha qabel ma embarkat fir- relazzjonijiet intimi mal- imputat, xorta wahda, din l- Qorti tqis illi sehh il- korruzzjoni ta din il- minorenni, mhux biss minhabba l-fatt illi l- kongungiment karnali sar b' mod ripetut izda wkoll minhabba l-fatt illi saru atti sesswali diversi minn dawk illi l-minuri kienet diga inizjata fihom.

B' dana kollu l- Qorti rat illi hekk kif l- minorenni ghalqet it- tmintax (18) il- sena, hija rrinunzjat ghal- azzjoni kriminali kontra l- imputat u ghaldaqstant l- Qorti tiddikjara li ghal- fini ta' l- akkuza taht l- Artikolu 203 Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta il- procediment huwa ezawrit.

L- imputat huwa wkoll mixli bl- akkuza indikata fl- Artikolu 204 C (1) Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta u cioe

***204C (1) Whosoever takes part in sexual activities with a person under age shall, on conviction, be liable to imprisonment for a term not exceeding two years, with or without solitary confinement*.**

Illi mill-provi fuq prodotti ma hemmx xrara ta' dubbju illi l– imputat ippartecipa f' attivitajiet sesswali ma persuna li kien ghadha ma ghalqietx it- tmintax il- sena tant u hekk illi il-minuri spiccat weldet tarbija tal-imputat.

L- imputat jinsab wkoll mixli bir-reat mahsub taht l- Artikolu 203A li jipprovdi :

***203 A Whosoever, by any means <u>other than</u> those mentioned in Article 203(1), instigates, encourages or facilitates the defilement of a minor of either sec, shall, on conviction be liable to imprisonment for a term not exceeding two years and the provisions 203(2)and (3) shall apply, mutatis mutandis, apply to an offence under this article.***

***Provided that the offence shall be punishable with imprisonment for a term not exceeding four years in any of the cases referred to in the proviso to article 203(1).***

Anki hawn l- Qorti hi tal- fehma illi l- mod kif l-imputat kien jiccatja ma din l- minuri biex jeccitha sesswalment, l- mod kif kien jitlobha tiehu ritratti taghha nfisha f' pozi suggestivi u sesswalment provokattivi certament jankra dak illi huwa mahsub fl- Artiklu 203 A Kap 9.

**Id- difiza pero' tirritjeni li ga la darba l- minuri irininuncjat ghal- azzjoni kriminali, l- Prosekuzzjoni ma tistghax tibqa tipprocedi bl- akkuzi ndikati fl- Artikoli 204 C u 203 A tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta kontra l- imputat.**

Ikkonsidrat :

Din il- Qorti taghraf li f' kamp kriminali, gudikant huwa tenut li jinterpreta l- ligi b' mod restrittiv. Illi fid- dawl ta dan l- principju basilari, l- Qorti gharblet dawn l- Artikoli l- godda tal- Ligi Kriminali sabiex taghraf kemm l- darba l- ligi kienetx intiza biex tesigi l- kwerela tal parti leza, qabel ma jkunu jistghu jigu inizjati l- proceduri kriminali kontra akkuzat.

Ezami ta'dawn l-Artikoli ricenti inkorporati fil-Kodici Kriminali, ma jwassal ghal ebda referenza, wisq anqas, htiega ta'kwerela tal-parti leza qabel ma titmexxa l-azzjoni kriminali. Illi di piu' Artikoli 204C u 203A m'humiex indikat jew riflessi fl- Artikolu 544 Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta li jindika r- reati hawn taht imsemmija li jistghu jitmexxew **biss** fuq it- talba tal- parte civile u cioe :

**(a) Stupru vjolenti;**
**(b) Serq ta' persuna;**
**(c) Attentat vjolenti ghal- pudur.**

Id- delitti fuq imsemmija, meta ikunu akkompanjati bi vjolenza pubblika jew abbinati ma reat iehor li jolqot l-

Ordni Pubblika**, jitmexxew independentament mill-azzjoni tal parti privata**.

Illi in oltre, hekk kif wiehed jaghmel studju ta' l- istess Artikoli 204C u 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, wiehed malajr jinduna illi l- intenzjoni tal Legislatur kienet sabiex l-akkuzi kontemplati fl-Artikoli l-godda 204C u 203A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta **jitmexxew ex- officio u ghalhekk ebda wahda mill-parti civili ma tkun tista' tirtira l-azzjoni kriminali pendent lite .**

Illi ghaldaqstant l- Qorti tiddikjara li ghar- rigward ta' l-ewwel akkuza l –procediment huwa ezawrit in vista tar-rinunzja ta' l-minuri meta din lahqet l- eta' ta' maggiorenni; issib lil imputat hati ta' tieni u t tielet akkuza b' assorbiment ghal- fini ta' piena ta' tielet akkuza fit- tieni akkuza u wara li rat l- Artikolu 204C, 203A, 28A kollha taht l- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil imputat ghal- sentejn prigunerija sospizi ghal- erbgha snin.

Din l- piena qed tigi akkordata in vista tal- fatti speci tal-kaz, **it-talba specifika tal- genituri sabiex l- imputat ma jinghatax sentenza ta' prigunerija effettiva b' mod li jsir martri f' ghajnejn binthom**; l- fedina penali ta' l-imputat u r-rinunzja tal- parti leza.

Il- Qorti fehmet lil imputat bis- signifikat u l- konsegwenzi ta' sentenza sospiza bi kliem semplici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------